**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 14 ta' Marzu, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daniel Zammit)**

**vs**

**Omissis**

**Helen Grima, detentrici tal-Karta tal-Identita` bin-numru 380087M**

*Kumpilazzjoni Nru. 90/2018*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Omissis u tal-imputata Helen Grima u ċioè talli:

> Gewwa l-Fgura, nhar it-3 ta' Frar, 2011, ghal habta tad-disgha ta' filghodu (09:00hrs), ikkommetew serq minn gewwa l-hanut 'Soshique Beauty Clinic' sitwat fi Triq il-Koppla, Fgura, liema delitt huwa kkwalifikat bil-valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329,37) u bil-vjolenza fuq il-persuna ta' Analise Trapani;
>
> Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill hatja, arrestaw, zammew jew issekwestraw lill xi persuna, u cioe' lill Analise Trapani kontra l-volonta' taghha, jew taw l-post biex fih din il-

persuna tigi arrestata, mizmuma, jew issekwestrata, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata, giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellhom fuq il-persuna taghhom xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti filwaqt li kienu qed jaghmlu reat kontra is-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew hsara fil-propjeta (minbarra hsara involontarja fil-propjeta).

Rat li waqt l-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2018, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hija nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet terga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serjissima tar-reati li tinsab akkuzata bihom l-imputata, liema reati jirrisalu ghall-2011, tal-ammissjoni taghha, tal-fedina penali taghha, tal-konkluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet milhuqa mill-ufficjal tal-probation u tac-cirkostanzi l-ohra kollha.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 86, 87(c), 261(a)(c), 262, 267, 275, u 277(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erbghin (40) xahar.

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hatja taht ordni ta' supervizjoni ghal tlettin (30) xahar u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma ssegwiex id-direttivi li se jinghatawlha fil-perjodu ta' supervizjoni.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**